MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 250/1998/1

**Calbros Limited**

**Vs**

**Ronald Gauci u Rita Falzon u b'digriet tat-3 ta' Gunju 2002 qed jizdiedu l-kliem Ilum Gauci**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici, talbet sabiex il-konvenuti jhallsu bejniethom, is-somma globali ta' tlett mija u tlieta u disghin Liri Maltin u tlett centezmi (Lm393.03) jew somma ohra verjuri li tistabilixxi din l-istess Qorti, separatament kull wiehed mill-konvenuti in kwantu ghal mija u disa'u tletin Liri Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm139.76) dovuti minn Ronald Gauci u in kwantu ghal mitejn u tlieta u hamsin Liri Maltin u seba' u ghoxrin centezmu (Lm253.27) dovut minn Rita Falzon, fiz-zewg kazijiet sommom dovuti lis-socjeta' attrici in

konnessjoni mat-terminazzjoni mill-impjieg taz-zewg konvenuti minn mas-socjeta' attrici ai termini ta' l-Artikolu 34(10) tal-Kap 135 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll flus ohra dovuti, kollox kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjes kollha tal-avviz u dawk ta' l-ittra ufficjali tad-19 ta' Novembru 1997 u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonjiet tal-konvenuti (fol 4 tal-atti) u li biha eccepew bir-rispett:-

1. Illi, preliminarjament l-kumpanija attrici m'ghandha tiehu xejn minn ghand il-konvenuti stante li dak li ghamlu kien gustifikat skond il-ligi.

2. Illi – subordinatament u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni – it-talba ghall-hlas hija vaga billi l-kumpanija attrici ma indikatx kif is-somma mitluba fl-avviz giet milhuqa u llimitat ruhha billi tghid li s-somma hija dovuta in konnessjoni mat-terminazzjoni tal-impieg tal-eccipjenti kif ukoll 'flus ohra'. L-eccepjenti ghalhekk jissottomettu li l-kumpanija attrici ghandha fl-ewwel lok tipprezenta prospett separat a rigward kull wiehed mill-eccipjenti fejn tindika dettaljatment dak li qeghda tippretendi, - u dana sabiex l-eccipjenti ikunu jistghu jiddefendu ruhhom. Il-konvenuti eccipjenti ghalhekk jirrizervaw li jipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri wara li isiru dawn il-prospetti mill-kumpanija attrici.

Salvi eccezzjonjiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi mix-xhieda ta' <u>Charles Gauci</u> direttur tas-socjeta attrici (fol 18 et seq ibid) jidher li l-konvenuti, illum mizzewgin ma xulxin, kienu impjegati ma' din is-socjeta, ghall-perjodu indefinit, bhala salesman u salesgirl. Matul jew ghall-

habta ta’ Settembru 1997, l-istess konvenuti, dak iz-zmien gharajjees kienu tterminaw l-impjieg taghhom mas-socjeta attrici wara argument, pjuttost shun, bejn ix-xhud u l-istess konvenut, kif deskritt u irrakontat fl-istess xhieda. In rigward dan, ix-xhud semma’ li dan kien sar minghar ma l-konvenut kienu taw ‘notice’ ta’ terminazzjoni tal-impjieg taghhom skond kif jistipula l-Kapitolu 135 citat fl-artikolu 34 (5) ( c) u (10). Ghalhekk skond l-istess xhud, il-konvenut kellhom jhallsu a basi tal-istess artikolu citat, dak specifikat fid-dokumenti esebiti minnu in atti a fol 21 sa fol 28, wara li gew immnaqqsa, filfatt, l-ammonti kollha li sebghu kienu dovut mis-socjeta’ attrici lill-istess konvenuti.

Ikkunsidrat

Illi, da parti tieghu, l-konvenut (fol 33 et seq ibid) spjega li x-xhud precedenti jigi huh u hu, kien ilu jahdem mal-istess socjeta attrici bhala salesman ghal madwar tlett snin. L-istess konvenut, filfatt, jidher li kien imdejjaq fl-impieg tieghu waqt li ammetta ukoll li kien ittermina l-istess impjieg minghajr ‘notice’ ta’ terminazzjoni.

Il-konvenuta (fol 47 u fol 48 ibid) waqt li semmiet li kien minnu li kienet debitrici tas-socjeta attrici, u vici versa, ammettiet ukoll li kienet itterminat l-impjieg taghha minghajr ‘notice’.

Ikkunsidrat

Illi mid-dokumenti msemmija jidher li gie pruvat li Ronald Gauci, filfatt, ghandu jhallas is-somma ta’ Lm133.48,0 (ara fol 21 ibid) u martu ghandha thallas l-ammont specifikat fl-avviz fil-kontront taghha (ara fol 25) fejn, pero, hemm specifikat ammont akbar minn dak pretiz fl-avviz u dan kollu skond l-artikolu 34(5) ( c) u (10) hawn fuq imsemmi.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher li t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti izda b’riserva ghal dritt spettanti lill-mittenti skond il-ligi u ‘per azione’.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallsu, komplessivament u globalment, lis-socjeta attrici s-somma ta’ Lm393.03,0 bl-imghax legali mid-19 ta’ Novembru 1997 sad-data tal-pagament u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta’ Novembru 1997, b’riserva ‘si et quatenus’ ghal kull dritt spettanti lill-konvenuti skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------